



PARLAMENT EWROPEW

2009 - 2014

Kumitat għall-Affarijiet Legali

2011/0374(COD)

21.6.2012

OPINJONI

tal-Kumitat għall-Affarijiet Legali

għall-Kumitat għas-Suq Intern u l-Ħarsien tal-Konsumatur

dwar il-Proposta għal Regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar soluzzjoni online għat-tilwim tal-konsumaturi (Regolament dwar l-ODR tal-konsumaturi)
(COM(2011)0794 – C7-0453/2011 – 2011/0374(COD))

Rapporteur għal opinjoni: Luigi Berlinguer

PA_Legam

ĠUSTIFIKAZZJONI QASIRA

Ir-rapporteur għal opinjoni jilqa' l-proposta tal-Kummissjoni għal regolament dwar soluzzjoni onlajn għat-tilwim, għat-tilwim tal-konsumaturi, minħabba li din se tikkontribwixxi għall-funzjonament tas-suq intern u ttejjeb il-kopertura tal-ADR, peress li l-ADR jista' jkun oneruż minħabba ostakli tal-lingwa, proċeduri mhux familjari eċċ.

Madankollu, huwa jemmen bis-sħiħ li s-sistema proposta tista' tilħaq dawn l-għanijiet biss jekk tkun komprensiva (tinkludi tranżazzjonijiet domestiċi u transkonfinali kif ukoll onlajn u offlajn), tkun konformi ma' standards għolja (protezzjoni tal-konsumatur ta' livell għoli, imparzjalità, effiċjenza, trasparenza), tkun faċli biex tużaha, twassal għal riżultati effiċjenti u tippreżerva l-aċċess għall-ġustizzja, jiġifieri b'mod partikolari ma ċċaħħadx lill-konsumaturi mid-dritt tagħhom li jfittxu rimedju quddiem il-qrati.

L-emendi proposti għandhom l-għan li jagħmlu dan, b'mod partikolari billi:

- jestendu l-ambitu kemm għal tranżazzjonijiet transkonfinali kif ukoll għal daww domestik, peress li m'hemmx raġuni (u ħafna drabi ebda possibbiltà Prattika) biex issir distinzjoni bejn daww iż-żewġ tipi ta' tranżazzjonijiet; għall-istess raġuni, l-ambitu għandu jinkludi wkoll tilwim li jinqala' minħabba tranżazzjonijiet offlajn;
- jibdlu l-isem tal-pjattaforma għal "pjattaforma ta' tabelli onlajn", sabiex jiddeskrivu l-funzjoni tagħha b'mod aktar espliċitu ("it-tqegħid ta' tabelli") u l-ambitu tagħha (li bħala strument onlajn tkopri kemm it-tranżazzjonijiet onlajn kif ukoll daww offlajn);
- jiżguraw li l-pjattaforma ta' tabelli onlajn fil-fatt tgħin lill-konsumaturi biex jiksbu l-akbar benefiċċju mill-ADR: billi tinkludi aċċess għas-servizzi tal-ilmenti tan-negozjanti fil-pjattaforma, billi tippovdi informazzjoni komprensiva disponibbli pubblikament rigward proċeduri tal-ADR u entitajiet tal-ADR lill-partijiet interessati kollha; billi l-informazzjoni ta' kuntatt tal-faċilitaturi ssir disponibbli fuq il-pjattaforma; billi jipprovdu għajnuna lill-konsumaturi, flimkien mal-punti ta' kuntatt u l-faċilitaturi, fil-mili tal-formola għall-ilmenti u sabiex jagħżlu l-aktar entità tal-ADR adattata, u billi jgħinu, permezz ta' mekkaniżmu ad hoc magħmul minn faċilitaturi kompetenti, f'każ li ebda entità kompetenti komuni tal-ADR ma tkun tista' tiġi identifikata minn konsumatur u negozjant fl-ewwel pass;
- jistabbilixxu r-responsabbiltà tal-Kummissjoni għall-pjattaforma onlajn bl-aktar mod ċar possibbli;
- jippromwovu ADR u użu ta' strumenti onlajn bi prezz baxx, billi jinfurmaw lill-konsumaturi bl-aktar mod komplut u kmieni kemm jista' jkun dwar aspetti bħal miżati u l-ħtieġa għall-preżenza fiżika, u billi jinkludu l-aspett tal-komunikazzjoni onlajn b'mod speċifiku fil-klawsola ta' reviżjoni;
- jiddefinixxu b'mod ċar l-iskadenza tal-entità kompetenti tal-ADR u li fiha għandu jiġi solvut it-tilwim;
- jorganizzaw mill-ġdid l-attribuzzjoni ta' atti ta' implimentazzjoni u ta' atti delegati mqabbla mal-proposta tal-Kummissjoni, bl-għan li jiġu riflessi aħjar l-oġettivi tal-Artikoli 290 u 291 tat-TFUE.

EMENDI

Il-Kumitat għall-Affarijiet Legali jistieden lill-Kumitat għas-Suq Intern u l-Ħarsien tal-Konsumatur, bħala l-kumitat responsabbli, sabiex jinkorpora l-emendi li ġejjin fir-rapport tiegħu:

Emenda 1

Proposta għal regolament Titolu

Test propost mill-Kummissjoni

Regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar soluzzjoni **onlajn** għat-tilwim, għat-tilwim tal-konsumaturi (**Regolament dwar l-ODR tal-konsumaturi**)

Emenda

Regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar **pjattaforma onlajn għal** soluzzjoni **alternattiva** għat-tilwim, għat-tilwim tal-konsumaturi

Emenda 2

Proposta għal regolament Premessa 2

Test propost mill-Kummissjoni

(2) Skont l-Artikolu 26(2) TFUE, is-Suq Intern għandu jinkludi żona mingħajr fruntieri interni li fiha jkun żgurat il-moviment liberu tal-oġġetti u s-servizzi. Sabiex il-konsumaturi jkollhom fiduċja **fid-dimensjoni diġitali tas-Suq** Intern u jibbenefikaw minnu, huwa meħtieġ li dawn ikollhom aċċess għal modi faċli u irħas biex isolvu t-tilwim li jinqala' mill-bejgħ ta' oġġetti jew mill-provvista ta' servizzi. Dan huwa **partikolarment** importanti meta l-konsumaturi jixtru bejn il-fruntieri.

Emenda

(2) Skont l-Artikolu 26(2) TFUE, is-Suq Intern għandu jinkludi żona mingħajr fruntieri interni li fiha jkun żgurat il-moviment liberu tal-oġġetti u s-servizzi. Sabiex il-konsumaturi jkollhom fiduċja **fis-Suq** Intern u jibbenefikaw minnu, huwa meħtieġ li dawn ikollhom aċċess għal modi faċli u irħas biex isolvu t-tilwim li jinqala' mill-bejgħ ta' oġġetti jew mill-provvista ta' servizzi. Dan huwa **ovvjament** importanti meta l-konsumaturi jixtru bejn il-fruntieri, **iżda wkoll għal tranżazzjonijiet domestiċi. Jista' jkun diffiċli wkoll li ssir distinzjoni bejn tranżazzjonijiet transkonfinali u domestiċi minn naħa waħda u bejn transazzjonijiet onlajn u offlajn min-naħa l-oħra. Għalhekk, dan ir-Regolament għandu japplika għal tranżazzjonijiet transkonfinali u domestiċi kif ukoll għal tranżazzjonijiet onlajn u offlajn.**

Emenda 3

Proposta għal regolament Premessa 5

Test propost mill-Kummissjoni

(5) Is-Suq Intern huwa realtà għall-konsumaturi fil-ħajja ta' kuljum tagħhom, meta jivvjaġġaw, jixtru u jħallsu. Il-konsumaturi huma atturi ewlenin fis-Suq Intern u għalhekk għandhom ikunu fil-qofol tiegħu. ***Id-dimensjoni diġitali tas-Suq Intern qed isir essenzjali kemm għall-konsumaturi kif ukoll għan-negozjanti.*** Il-konsumaturi ***aktar u aktar qed jagħmlu x-xiri tagħhom bl-internet u għadd dejjem jiżdied ta' negozjanti jbigħu onlajn. Il-konsumaturi u n-negozjanti għandhom iħossuhom kunfidenti li jwettqu tranżazzjonijiet f'ambjent diġitali.***

Emenda 4

Proposta għal regolament Premessa 6

Test propost mill-Kummissjoni

(6) Il-fatt li jkunu jistgħu jfittxu soluzzjoni faċli u rħisa għat-tilwim jista' jsaħħaħ il-fiduċja tal-konsumaturi u tan-negozjanti fis-suq ***diġitali***. Madankollu, il-konsumaturi u n-negozjanti xorta għadhom jiffaċċjaw ostakoli meta jkunu qed ifittxu soluzzjonijiet extra-ġudizzjarji ***b'mod partikolari*** għat-tilwim tagħhom ***li jinqala' minn tranżazzjoni transkonfinali onlajn.*** Għalhekk, ***tali tilwim*** attwalment ta' spiss jibqa' mhux solvut.

Emenda

(5) Is-Suq Intern huwa realtà għall-konsumaturi fil-ħajja ta' kuljum tagħhom, meta jivvjaġġaw, jixtru u jħallsu. Il-konsumaturi huma atturi ewlenin fis-Suq Intern u għalhekk għandhom ikunu fil-qofol tiegħu. Il-konsumaturi u n-negozjanti għandhom iħossuhom kunfidenti li jwettqu tranżazzjonijiet ***fis-suq intern.***

Emenda

(6) Il-fatt li jkunu jistgħu jfittxu soluzzjoni faċli u rħisa għat-tilwim jista' jsaħħaħ il-fiduċja tal-konsumaturi u tan-negozjanti fis-suq ***intern***. Madankollu, il-konsumaturi u n-negozjanti xorta għadhom jiffaċċjaw ostakoli meta jkunu qed ifittxu soluzzjonijiet extra-ġudizzjarji għat-tilwim tagħhom. Għalhekk, ***it-tilwim*** attwalment ta' spiss jibqa' mhux solvut.

(Din l-emenda (it-tħassir ta' "transkonfinali" u t-tħassir ta' "tranżazzjoni onlajn") tapplika tul it-test kollu. l-adozzjoni tagħha timponi adattamenti tekniċi fit-test kollu.)

Emenda 5

Proposta għal regolament Premessa 7

Test propost mill-Kummissjoni

(7) Is-soluzzjoni **onlajn** għat-tilwim toffri soluzzjoni extra-ġudizzjarja sempliċi u rħisa għat-tilwim **li jinqala' minn tranżazzjonijiet transkonfinali onlajn**. Madankollu, attwalment hemm nuqqas ta' mekkaniżmi li jippermettu lill-konsumaturi u lin-negozjanti jsolvu **tali tilwim** permezz ta' mezzi elettroniċi. Dan iwassal għal żvantaġġ għall-konsumaturi, jaġixxi bħala ostakolu għat-tranżazzjonijiet **transkonfinali onlajn**, joħloq sitwazzjoni żbilanċjata għan-negozjanti u għalhekk ifixkel l-iżvilupp **tal-kummerċ elettroniku**.

Emenda 6

Proposta għal regolament Premessa 8

Test propost mill-Kummissjoni

(8) Dan ir-Regolament għandu japplika għas-soluzzjoni extra-ġudizzjarja tat-tilwim kuntrattwali bejn il-konsumaturi u n-negozjanti li jinqala' mill-bejgħ **onlajn** ta' oġġetti jew mill-provvista ta' servizzi minn negozjanti **bejn il-fruntieri**. Ma għandux japplika għat-tilwim bejn il-konsumaturi u n-negozjanti li jinqala' mill-bejgħ **onlajn** ta' oġġetti jew mill-provvista ta' servizzi jekk mill-inqas wieħed minnhom mhuwiex stabbilit jew ma joqgħodx fi Stat Membru tal-Unjoni meta l-konsumatur jordna tali oġġetti jew servizzi, **jew jekk in-negozjant u l-konsumatur huma stabbiliti jew joqgħodu fl-istess Stat Membru**.

Emenda

(7) Is-soluzzjoni **alternattiva** għat-tilwim toffri soluzzjoni extra-ġudizzjarja sempliċi u rħisa għat-tilwim. Madankollu, attwalment hemm nuqqas ta' mekkaniżmi li jippermettu lill-konsumaturi u lin-negozjanti jsolvu **t-tilwim** permezz ta' mezzi elettroniċi. Dan iwassal għal żvantaġġ għall-konsumaturi, jaġixxi bħala ostakolu għat-tranżazzjonijiet, joħloq sitwazzjoni żbilanċjata għan-negozjanti u għalhekk ifixkel l-iżvilupp **tas-suq intern**.

Emenda

(8) Dan ir-Regolament għandu japplika għas-soluzzjoni extra-ġudizzjarja tat-tilwim kuntrattwali bejn il-konsumaturi u n-negozjanti li jinqala' mill-bejgħ ta' oġġetti jew mill-provvista ta' servizzi minn negozjanti. Ma għandux japplika għat-tilwim bejn il-konsumaturi u n-negozjanti li jinqala' mill-bejgħ ta' oġġetti jew mill-provvista ta' servizzi jekk mill-inqas wieħed minnhom mhuwiex stabbilit jew ma joqgħodx fi Stat Membru tal-Unjoni meta l-konsumatur jordna tali oġġetti jew servizzi. **Dan ir-Regolament għandu jiġi llimitat għall-ilmenti mressqa mill-konsumaturi kontra n-negozjanti**.

Ġustifikazzjoni

L-emenda għandha l-għan li tiżgura l-konsistenza mal-emendi għal proposta ta' Direttiva dwar l-ADR tal-Konsumatur.

Emenda 7

Proposta għal regolament Premessa 11

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

(11) Id-definizzjoni ta' "bejgħ onlajn ta' oġġetti jew provvista ta' servizzi" għandha tkopri tranżazzjoni għall-bejgħ onlajn ta' oġġetti jew il-provvista ta' servizzi fejn in-negozjant, jew l-intermedjarju tan-negozjant, ikun offra oġġetti jew servizzi permezz ta' websajt jew b'mezzi elettroniċi oħrajn u l-konsumatur ikun ordna tali oġġetti jew servizzi fuq dik il-websajt jew b'mezzi elettroniċi oħrajn. Dan għandu wkoll ikopri l-każijiet fejn il-konsumatur ikun aċċessa l-websajt jew servizz ieħor ta' informazzjoni tas-soċjetà permezz ta' mezz elettroniku li jista' jinġarr bħal pereżempju telefown ċellulari.

imħassar

Emenda 8

Proposta għal regolament Premessa 12

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

(12) Dan ir-Regolament ma għandux japplika għat-tilwim bejn *il-konsumaturi u n-negozjanti* li jinqala' mill-bejgħ transkonfinali ta' oġġetti jew mill-provvista ta' servizzi offlajn. Dan ir-Regolament ma għandux japplika għat-tilwim bejn in-negozjanti.

(12) Dan ir-Regolament ma għandux japplika għat-tilwim bejn in-negozjanti.

Emenda 9

Proposta għal regolament Premessa 14

Test propost mill-Kummissjoni

(14) Dan ir-Regolament għandu l-għan li joħloq pjattaforma ta' **soluzzjoni** onlajn **għat-tilwim** ("**ODR**") f'livell Ewropew. Il-pjattaforma **tal-ODR** għandha tieħu l-għamla ta' websajt interattiv li joffri punt ta' dħul wieħed lill-konsumaturi u lin-negozjanti li qed jipprovaw isolvu tilwim b'mod extra-ġudizzjarju **li jkun inqala' minn tranżazzjoni transkonfinali tal-kummerċ elettroniku**. Għandha tippermetti lill-konsumaturi u lin-negozjanti jressqu ilmenti billi jimlew formola tal-ilmenti elettronika li tkun disponibbli fil-lingwi uffiċjali kollha tal-Unjoni Ewropea u tressaq l-ilmenti lil entità ta' soluzzjoni alternattiva għat-tilwim ("**ADR**") li hija kompetenti biex tindirizza t-tilwim ikkonċernat. Il-pjattaforma għandha toffri lill-entitajiet tal-ADR u lill-partijiet il-possibbiltà li l-proċedura tas-soluzzjoni għat-tilwim titmexxa permezz tal-pjattaforma.

Emenda 10

Proposta għal regolament Premessa 14a (ġdida)

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

(14) Dan ir-Regolament għandu l-għan li joħloq pjattaforma ta' **tabelli** onlajn f'livell Ewropew. Il-pjattaforma għandha tieħu l-għamla ta' websajt interattiv li joffri punt ta' dħul wieħed lill-konsumaturi u lin-negozjanti li qed jipprovaw isolvu tilwim b'mod extra-ġudizzjarju. Għandha tippermetti lill-konsumaturi u lin-negozjanti jressqu ilmenti billi jimlew formola tal-ilmenti elettronika li tkun disponibbli fil-lingwi uffiċjali kollha tal-Unjoni Ewropea u tressaq l-ilmenti lil entità ta' soluzzjoni alternattiva għat-tilwim ("**ADR**") li hija kompetenti biex tindirizza t-tilwim ikkonċernat. Il-pjattaforma għandha toffri lill-entitajiet tal-ADR u lill-partijiet il-possibbiltà li l-proċedura tas-soluzzjoni għat-tilwim titmexxa permezz tal-pjattaforma.

(Din l-emenda ("pjattaforma ta' tabelli onlajn") tapplika tul it-test kollu. l-adozzjoni tagħha timponi adattamenti tekniċi fit-test kollu.)

Emenda

(14a) Il-Kummissjoni għandha tistabilixxi, tiżviluppa, u tiżgura t-tħaddim tal-pjattaforma, b'mod partikolari billi tipprovdi l-finanzjament u l-kompetenza meħtieġa.

Emenda 11

Proposta għal regolament Premessa 14b (ġdida)

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

(14b) Għandu jitqies ukoll li, minkejja l-kontroversja, l-Istati Membri li l-leġiżlazzjoni nazzjonali tagħhom tmur lil hinn mir-rekwiżiti ewlenin tad-Direttiva dwar il-Medjazzjoni jidher li kisbu riżultati importanti fil-promozzjoni tat-trattament mhux ġudizzjarju tat-tilwim f'materji ċivili u kummerċjali; u li r-riżultati miksuba, b'mod partikolari fl-Italja, il-Bulgarija u r-Rumanija, juru li l-medjazzjoni tista' twassal għal soluzzjoni ekstraġudizzjarja mħaffa u effettiva tat-tilwim permezz ta' proċessi li huma mfassla skont il-bżonnijiet tal-partijiet u s-salvagwardja tal-konsumaturi, li għandha rilevanza partikolari f'każijiet ta' akkwisti elettroniċi.

Emenda 12

Proposta għal regolament Premessa 15

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

(15) Sistema ta' ODR f'livell Ewropew għandha tibni fuq entitajiet eżistenti ta' ADR fl-Istati Membri u tirrispetta t-tradizzjonijiet legali tal-Istati Membri. L-entitajiet tal-ADR li lilhom ikun tressaq ilment permezz tal-pjattaforma ***tal-ODR*** għalhekk għandhom japplikaw ir-regoli ta' proċedura tagħhom stess, inklużi r-regoli dwar l-ispiża. Madankollu, dan ir-Regolament huwa maħsub biex jistabbilixxi xi regoli komuni li jkunu applikabbli għal dawk il-proċeduri li jissalvagwardjaw l-effikaċja tagħhom.

(15) Sistema ta' ODR f'livell Ewropew għandha tibni fuq entitajiet eżistenti ta' ADR fl-Istati Membri u tirrispetta t-tradizzjonijiet legali tal-Istati Membri. L-entitajiet tal-ADR li lilhom ikun tressaq ilment permezz tal-pjattaforma ***ta' tabelli onlajn*** għalhekk għandhom japplikaw ir-regoli ta' proċedura tagħhom stess, inklużi r-regoli dwar l-ispiża. ***Għandu jiġi mfakkar f'dan il-kuntest li, skont l-Artikolu 8(c) tad-Direttiva .../.../UE [= id-Direttiva dwar l-ADR tal-konsumaturi] l-Uffiċċju tal-Pubblikazzjonijiet daħħal***

Dawn għandhom jinkludu regoli li jiżguraw li tali soluzzjoni għat-tilwim titwettaq malajr.

in-numru ta' referenza], l-ispejjeż għall-konsumaturi għandhom ikunu moderati. Madankollu, dan ir-Regolament huwa maħsub biex jistabbilixxi xi regoli komuni li jkunu applikabbli għal dawk il-proċeduri li jissalvagwardjaw l-effikaċja tagħhom. Dawn għandhom jinkludu regoli li jiżguraw li tali soluzzjoni għat-tilwim titwettaq malajr.

Emenda 13

Proposta għal regolament Premessa 15a (ġdida)

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

(15a) Sabiex jiġi promoss l-ipproċessar ta' ilment permezz tal-pjattaforma, meta l-partijiet ma jaqblux rigward entità kompetenti waħda tal-ADR, il-konsumatur għandu jkollu l-possibbiltà li jikkuntattja faċilitatur mill-post ta' residenza tiegħu, li għandu jipprova jidentifika entità tal-ADR bil-qbil taż-żewġ partijiet.

Emenda 14

Proposta għal regolament Premessa 18

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

(18) Netwerk ta' faċilitaturi tas-soluzzjoni *onlajn* għat-tilwim għandu jipprovdi appoġġ għas-soluzzjoni tat-tilwim *relatat ma' ilmenti li tressqu* permezz tal-pjattaforma *tal-ODR*. Dan in-netwerk għandu jkun magħmul minn punti ta' kuntatt *għall-ODR* fl-Istati Membri li jospitaw faċilitaturi *tas-soluzzjoni onlajn għat-tilwim*.

(18) Netwerk ta' faċilitaturi tas-soluzzjoni għat-tilwim għandu jipprovdi appoġġ għas-soluzzjoni tat-tilwim permezz tal-pjattaforma *tat-tabelli onlajn*. Dan in-netwerk għandu jkun magħmul minn punti ta' kuntatt fl-Istati Membri li jospitaw faċilitaturi.

(Din l-emenda ("tħassir ta' "onlajn"/"ODR" f'dak li jirrigwarda l-

faċilitaturi u l-punti ta' kuntatt) tapplika tul it-test kollu. l-adozzjoni tagħha timponi adattamenti tekniċi fit-test kollu.)

Emenda 15

Proposta għal regolament Premessa 18a (ġdida)

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

(18a) Sabiex ma jimmultiplikawx il-punti ta' aċċess għall-konsumaturi, l-Istati Membri għandhom, l-ewwel nett, jagħtu r-responsabbiltà għall-punti ta' kuntatt liċ-ċentri tagħhom tan-Netwerk Ewropew taċ-Ċentri tal-Konsumaturi. Il-faċilitaturi għandhom jipprovdu appoġġ għas-soluzzjoni għat-tilwim permezz tal-pjattaforma, b'mod partikolari billi jassistu u jinfurmaw lill-konsumaturi. Peress li l-suċċess tal-pjattaforma għalhekk se jiddependi wkoll fuq il-kapaċitajiet u l-kompetenza tal-faċilitaturi, dawn għandhom jiġu mħarrġa b'mod adegwat mill-Kummissjoni u mill-Istati Membri.

Emenda 16

Proposta għal regolament Premessa 22

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

(22) In-negozjanti għandhom jinfurmaw lill-konsumaturi fuq il-websajts tagħhom dwar il-pjattaforma **tal-ODR** u jipprovdu link elettroniku għall-homepage tagħha. Għandhom jipprovdu wkoll tali informazzjoni meta konsumatur iressaq ilment lin-negozjant, lil sistema għall-immaniġġjar tal-ilmenti tal-konsumaturi mħaddma min-negozjant jew lil ombudsman tal-kumpanija. Dan l-obbligu

(22) In-negozjanti għandhom jinfurmaw lill-konsumaturi fuq il-websajts tagħhom dwar il-pjattaforma **b'mod ċar u faċilment aċċessibbli u** jipprovdu link elettroniku għall-homepage tagħha. Għandhom jipprovdu wkoll tali informazzjoni meta konsumatur iressaq ilment lin-negozjant, lil sistema għall-immaniġġjar tal-ilmenti tal-konsumaturi mħaddma min-negozjant jew lil ombudsman tal-kumpanija. Dan l-

għandu jkun bla ħsara għall-Artikolu 10(1)-(3) tad-Direttiva .../.../UE [Uffiċċju tal-Pubblikazzjonijiet daħħal in-numru ta' referenza] **li tikkonċerna l-għotja ta' informazzjoni lill-konsumaturi min-negozjanti dwar il-proċeduri tal-ADR li bihom huma koperti dawk in-negozjanti u dwar jekk jimpjenjawx ruħhom jew le li jużaw il-proċeduri ta' soluzzjoni alternattiva għat-tilwim biex isolvu t-tilwim mal-konsumaturi.** Barra minn hekk, dan l-obbligu għandu jkun mingħajr preġudizzju għall-Artikoli 6(1)(t) u 8 tad-Direttiva 2011/83/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-25 ta' Ottubru 2011 dwar id-drittijiet tal-konsumaturi. Barra minn hekk, dan l-obbligu għandu jkun mingħajr ħsara għall-Artikoli 6(1)(t) u 8 tad-Direttiva 2011/83/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-25 ta' Ottubru 2011 dwar id-drittijiet tal-konsumaturi. L-Artikolu 6(1)(t) tad-Direttiva 2011/83/UE jistipula li għall-kuntratti tal-konsumaturi konklużi mill-bogħod jew barra l-bini, n-negozjant għandu jgħarraf lill-konsumaturi dwar il-possibiltà li jirrikorri għal mekkaniżmu extra-ġudizzjarju tal-ilmenti u rimedji li jkun soġġett għalih in-negozjant, u l-metodi li bihom il-konsumatur ikollu aċċess għalihom, qabel ma dan tal-aħħar ikun marbut bil-kuntratt.

obbligu għandu jkun bla ħsara għall-Artikolu 10(1)-(3) tad-Direttiva .../.../UE [Uffiċċju tal-Pubblikazzjonijiet daħħal in-numru ta' referenza]. Barra minn hekk, dan l-obbligu għandu jkun mingħajr preġudizzju għall-Artikoli 6(1)(t) u 8 tad-Direttiva 2011/83/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-25 ta' Ottubru 2011 dwar id-drittijiet tal-konsumaturi. Barra minn hekk, dan l-obbligu għandu jkun mingħajr ħsara għall-Artikoli 6(1)(t) u 8 tad-Direttiva 2011/83/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-25 ta' Ottubru 2011 dwar id-drittijiet tal-konsumaturi. L-Artikolu 6(1)(t) tad-Direttiva 2011/83/UE jistipula li għall-kuntratti tal-konsumaturi konklużi mill-bogħod jew barra l-bini, n-negozjant għandu jgħarraf lill-konsumaturi dwar il-possibiltà li jirrikorri għal mekkaniżmu extra-ġudizzjarju tal-ilmenti u rimedji li jkun soġġett għalih in-negozjant, u l-metodi li bihom il-konsumatur ikollu aċċess għalihom, qabel ma dan tal-aħħar ikun marbut bil-kuntratt. **L-obbligu li jinfurmaw lill-konsumaturi dwar l-eżistenza tal-pjattaformi ta' tabelli onlajn m'għandux joħloq piżijiet amministrattivi eċċessivi għall-intrapriżi żgħar u mikro skont it-tifsira tar-Rakkomandazzjoni tal-Kummissjoni 2003/361 tas-6 ta' Mejju 2003 dwar id-definizzjoni ta' intrapriżi mikro, żgħar u ta' daqs medju¹. L-intrapriżi żgħar u mikro għandhom jittrażmettu lill-konsumaturi l-informazzjoni rilevanti kollha meta jikkonfrontaw problema partikolari.**

¹ *ĠU L 124, 20.5.2003, p. 36.*

Emenda 17

Proposta għal regolament Premessa 23

Test propost mill-Kummissjoni

(23) Sabiex jiġu supplimentati jew emendati ċerti elementi mhux essenzjali ta' dan ir-Regolament, is-setgħa tal-adozzjoni ta' atti skont l-Artikolu 290 tat-TFUE għandha tiġi delegata lill-Kummissjoni fir-rigward tat-tip ta' informazzjoni li ilmentatur għandu jipprovdi fil-formola tal-ilmenti elettronika magħmula disponibbli fuq il-pjattaforma **tal-ODR**. Huwa ta' importanza kbira li l-Kummissjoni twettaq konsultazzjonijiet xierqa matul **ix-xogħol ta' tħejjija** tagħha, inkluż **f'livell espert**. Il-Kummissjoni, meta tkun qed tħejji u tfassal l-atti delegati, għandha tiżgura trażmissjoni simultanja, f'waqtha u xierqa tad-dokumenti rilevanti lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill.

Emenda 18

Proposta għal regolament Premessa 24

Test propost mill-Kummissjoni

(24) Sabiex jiġu żgurati kundizzjonijiet uniformi għall-implimentazzjoni ta' dan ir-Regolament, għandhom jingħataw setgħat ta' implimentazzjoni lill-Kummissjoni fir-rigward tal-funzjonament tal-pjattaforma **tal-ODR, il-modalitajiet għat-tressiq ta' ilment** u l-kooperazzjoni fi ħdan in-netwerk tal-faċilitaturi **tal-ODR**. Dawn is-setgħat għandhom ikunu eżerċitati skont ir-Regolament (UE) Nru 182/2011 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-

Emenda

(23) Sabiex jiġu supplimentati jew emendati ċerti elementi mhux essenzjali ta' dan ir-Regolament, is-setgħa tal-adozzjoni ta' atti skont l-Artikolu 290 tat-TFUE għandha tiġi delegata lill-Kummissjoni fir-rigward tat-tip ta' informazzjoni li ilmentatur għandu jipprovdi fil-formola tal-ilmenti elettronika magħmula disponibbli fuq il-pjattaforma **ta' tabelli onlajn, kif ukoll il-modalitajiet tekniċi rigward it-tressiq ta' ilment**. Huwa ta' importanza kbira li l-Kummissjoni twettaq konsultazzjonijiet xierqa matul **il-ħidma preparatorja** tagħha, inkluż **fil-livell ta' esperti, u b'mod partikolari mal-Kontrollur Ewropew għall-Protezzjoni tad-Data**. Il-Kummissjoni, meta tkun qed tħejji u tfassal l-atti delegati, għandha tiżgura trażmissjoni simultanja, f'waqtha u xierqa tad-dokumenti rilevanti lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill.

Emenda

(24) Sabiex jiġu żgurati kundizzjonijiet uniformi għall-implimentazzjoni ta' dan ir-Regolament, għandhom jingħataw setgħat ta' implimentazzjoni lill-Kummissjoni fir-rigward tal-funzjonament tal-pjattaforma **ta' tabelli onlajn** u l-kooperazzjoni fi ħdan in-netwerk tal-faċilitaturi. Dawn is-setgħat għandhom ikunu eżerċitati skont ir-Regolament (UE) Nru 182/2011 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-16 ta' Frar 2011 li jistabbilixxi r-regoli u l-

16 ta' Frar 2011 li jistabilixxi r-regoli u l-prinċipji ġenerali dwar il-modalitajiet ta' kontroll mill-Istati Membri tal-eżerċizzju mill-Kummissjoni tas-setgħat ta' implimentazzjoni. Il-proċedura **konsultattiva għandha tintuża għall-adozzjoni ta' atti ta' implimentazzjoni relatati mal-formola tal-ilmenti elettronika minħabba n-natura purament teknika tagħha. Il-proċedura ta' eżami għandha tintuża għall-adozzjoni tar-regoli li jikkonċernaw il-modalitajiet ta' kooperazzjoni bejn il-faċilitaturi tal-ODR tan-netwerk ta' faċilitaturi tas-soluzzjoni onlajn għat-tilwim.**

Emenda 19

Proposta għal regolament Artikolu 1

Test propost mill-Kummissjoni

L-iskop ta' dan ir-Regolament huwa li jikkontribwixxi għall-funzjonament tas-suq intern, u ***b'mod partikolari d-dimensjoni diġitali tiegħu, u*** għall-kisba ta' livell għoli ta' protezzjoni għall-konsumatur billi jipprovdi pjattaforma li tiffaċilita s-soluzzjoni extra-ġudizzjarja imparzjali, trasparenti, effettiva u ġusta għat-tilwim bejn il-konsumaturi u n-negozjanti ***onlajn***.

Emenda 20

Proposta għal regolament Artikolu 2

Test propost mill-Kummissjoni

Dan ir-Regolament għandu japplika għas-soluzzjoni extra-ġudizzjarja ta' tilwim kuntrattwali li jinqala' mill-bejgħ ***transkonfinali onlajn*** ta' oġġetti jew mill-provvista ta' servizzi bejn il-konsumaturi u n-negozjanti ***permezz tal-intervent ta'*** entità ta' soluzzjoni alternattiva għat-tilwim

prinċipji ġenerali dwar il-modalitajiet ta' kontroll mill-Istati Membri tal-eżerċizzju mill-Kummissjoni tas-setgħat ta' implimentazzjoni. Il-proċedura ta' eżami għandha tintuża għall-adozzjoni tar-regoli li jikkonċernaw il-modalitajiet ***għall-eżerċizzju tal-funzjonijiet tal-pjattaforma ta' tabelli*** onlajn.

Emenda

L-iskop ta' dan ir-Regolament huwa li jikkontribwixxi għall-funzjonament tas-suq intern u għall-kisba ta' livell għoli ta' protezzjoni għall-konsumatur billi jipprovdi pjattaforma ***onlajn*** li tiffaċilita s-soluzzjoni extra-ġudizzjarja imparzjali, trasparenti, effettiva u ġusta għat-tilwim bejn il-konsumaturi u n-negozjanti.

Emenda

Dan ir-Regolament għandu japplika għas-soluzzjoni extra-ġudizzjarja ta' tilwim kuntrattwali li jinqala' mill-bejgħ ta' oġġetti jew mill-provvista ta' servizzi bejn il-konsumaturi u n-negozjanti ***u riferuta mill-konsumaturi lil*** entità ta' soluzzjoni alternattiva għat-tilwim li tikkonforma

li tikkonforma mad-Direttiva [Uffiċċju tal-Pubblikazzjonijiet jekk jogħġbok daħħal in-numru tad-Direttiva tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar is-soluzzjoni alternattiva għat-tilwim, għat-tilwim tal-konsumaturi u li temenda r-Regolament (KE) Nru 2006/2004 u d-Direttiva 2009/22/KE (id-Direttiva dwar l-ADR tal-konsumaturi)] u li tinvolvi l-użu ta' pjattaforma Ewropea ta' soluzzjoni **onlajn** għat-tilwim.

mad-Direttiva [Uffiċċju tal-Pubblikazzjonijiet jekk jogħġbok daħħal in-numru tad-Direttiva tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar is-soluzzjoni alternattiva għat-tilwim, għat-tilwim tal-konsumaturi u li temenda r-Regolament (KE) Nru 2006/2004 u d-Direttiva 2009/22/KE (id-Direttiva dwar l-ADR tal-konsumaturi)] u li tinvolvi l-użu ta' pjattaforma **onlajn** Ewropea ta' soluzzjoni għat-tilwim.

Emenda 21

Proposta għal regolament Artikolu 4 – punt c

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

(c) "bejgħ onlajn ta' oġġetti jew provvista ta' servizzi" ifisser tranżazzjoni għall-bejgħ ta' oġġetti jew il-provvista ta' servizzi fejn in-negozjant, jew l-intermedjarju tan-negozjant, ikun offra oġġetti jew servizzi fuq websajt jew b'mezzi elettroniċi oħrajn u l-konsumatur ikun ordna tali oġġetti jew servizzi fuq dik il-websajt jew b'mezzi elettroniċi oħrajn.

imħassar

Emenda 22

Proposta għal regolament Artikolu 4 – punt e

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

(e) "bejgħ transkonfinali onlajn ta' oġġetti jew provvista ta' servizzi" ifisser bejgħ onlajn ta' oġġetti jew provvista ta' servizzi fejn, meta l-konsumatur jordna tali oġġetti jew servizzi, il-konsumatur ikun residenti fi Stat Membru għajr l-Istat Membru fejn ikun stabbilit in-negozjant;

imħassar

Emenda 23

Proposta għal regolament Artikolu 4 – punt g – subparagrafu 1

Test propost mill-Kummissjoni

(g) "proċedura ta' soluzzjoni alternattiva għat-tilwim" (aktar 'il quddiem "il-proċedura tal-ADR") ifisser proċedura għas-soluzzjoni extra-ġudizzjarja ta' tilwim permezz tal-intervent ta' entità ta' soluzzjoni għat-tilwim li **tipproponi** jew **timponi soluzzjoni** jew tiġbor il-partijiet flimkien bl-għan li **tiffaċilita soluzzjoni amikevoli**;

Emenda

(g) "proċedura ta' soluzzjoni alternattiva għat-tilwim" (aktar 'il quddiem "il-proċedura tal-ADR") ifisser proċedura għas-soluzzjoni extra-ġudizzjarja ta' tilwim **fejn il-partijiet involuti jippruvaw isolvu l-kunflitt tagħhom** permezz tal-intervent ta' entità ta' soluzzjoni għat-tilwim li **tadotta deċiżjoni vinkolanti** jew **non-vinkolanti għall-partijiet** jew tiġbor il-partijiet flimkien bl-għan li **tilħaq ftehim aċċettabbli b'mod reċiproku**;

Emenda 24

Proposta għal regolament Artikolu 4 – punt g – subparagrafu 2

Test propost mill-Kummissjoni

Il-proċeduri quddiem entitajiet ta' soluzzjoni għat-tilwim fejn il-persuni fiżiċi responsabbli għas-soluzzjoni tat-tilwim huma impjegati esklussivament min-negozjant, il-proċeduri quddiem sistemi tal-immanniġjar tal-ilmenti tal-konsumaturi mħaddma min-negozjant, in-negozjati diretti bejn il-konsumaturi u n-negozjant, kemm jekk ikunu rappreżentati kemm jekk le, u l-isforzi li jsiru minn imhallee biex isolvu tilwim matul proċediment ġudizzjarju li jikkonċerna dak it-tilwim ma għandhomx jitqiesu bħala proċeduri tal-ADR;

Emenda

imħassar

Ġustifikazzjoni

Id-definizzjoni u l-ambitu tal-ADR huma stipulati fl-Artikoli 2 u 4 tad-Direttiva dwar l-ADR tal-konsumaturi. M'hemmx bżonn li tiddaħħal f'dan ir-Regolament.

Emenda 25

Proposta għal regolament Artikolu 4 – punt i

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

(i) "persuna li tressaq ilment" ifisser il-konsumatur jew in-negozjant li ressaq ilment lill-pjattaforma Ewropea ta' soluzzjoni onlajn għat-tilwim;

imħassar

Ġustifikazzjoni

Allinjament mal-emendi dwar l-ambitu tar-Regolament u d-Direttiva dwar l-ADR tal-konsumaturi. Il-persuna li tressaq l-ilment tista' tkun biss il-konsumatur.

Emenda 26

Proposta għal regolament Artikolu 4 – punt j

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

(j) "persuna li twieġeb" ifisser il-konsumatur jew in-negozjant li tressaq ilment kontrih permezz tal-pjattaforma Ewropea ta' soluzzjoni onlajn għat-tilwim;

imħassar

Ġustifikazzjoni

Allinjament mal-emendi dwar l-ambitu tar-Regolament u d-Direttiva dwar l-ADR tal-konsumaturi. Il-parti li twieġeb tista' jkun biss in-negozjant.

Emenda 27

Proposta għal regolament Artikolu 5 – paragrafu 2

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

2. Il-pjattaforma **tal-ODR** għandha tkun websajt interattiv li jkun aċċessibbli elettronikament u bla ħlas bil-lingwi

2. Il-pjattaforma **ta' tabelli onlajn** għandha tkun websajt interattiv li jkun aċċessibbli elettronikament u bla ħlas bil-lingwi

uffiċjali kollha tal-Unjoni. Il-pjattaforma **tal-ODR** għandha tkun punt uniku ta' dħul għall-konsumaturi u n-negozjanti li jkunu qed ifittxu soluzzjoni extra-ġudizzjarja għat-tilwim li huwa kopert minn dan ir-Regolament.

uffiċjali kollha tal-Unjoni. Il-pjattaforma **ta' tabelli onlajn** għandha tkun punt uniku ta' dħul għall-konsumaturi u n-negozjanti li jkunu qed ifittxu **informazzjoni dwar soluzzjoni extra ġudizzjarja għat-tilwim kuntrattwali li jirriżulta minn bejgħ ta' oġġetti jew mill-provvista ta' servizzi bejn konsumaturi u negozjanti u/jew li jkunu qed ifittxu soluzzjoni** extra-ġudizzjarja għat-tilwim li huwa kopert minn dan ir-Regolament.

Emenda 28

Proposta għal regolament

Artikolu 5 – paragrafu 3 – subparagrafu 1 – punt a

Test propost mill-Kummissjoni

(a) ttiprovdi formola tal-ilmenti elettronika li tista' timtela **mill-persuna li tressaq ilment**;

Emenda

(a) ttiprovdi formola tal-ilmenti elettronika li tista' timtela **mill-konsumatur**;

(Din l-emenda tapplika għat-test leġislativ kollu li qed jiġi eżaminat. l-adozzjoni tagħha timponi adattamenti tekniċi fit-test kollu.)

Ġustifikazzjoni

Allinjament mal-emendi dwar l-ambitu tar-Regolament u d-Direttiva dwar l-ADR tal-konsumaturi. Il-persuna li tressaq l-ilment tista' tkun biss il-konsumatur. Din l-emenda tapplika għat-test kollu.

Emenda 29

Proposta għal regolament

Artikolu 5 – paragrafu 3 – subparagrafu 1 – punt b

Test propost mill-Kummissjoni

(b) **tipproponi**, fuq il-bażi tal-informazzjoni li tinsab fil-formola tal-ilmenti elettronika, entità kompetenti tal-ADR waħda jew aktar lill-partijiet u ttiprovdi informazzjoni dwar il-miżati tagħhom, jekk japplika, il-lingwa jew il-

Emenda

(b) fuq il-bażi tal-informazzjoni li tinsab fil-formola tal-ilmenti elettronika,

lingwi li bihom se titmexxa l-proċedura, it-tul approssimattiv tal-proċeduri jew tinforma ***lill-persuna li tressaq l-ilment*** li fuq il-bażi tal-informazzjoni mressqa, ma setgħet tiġi identifikata l-ebda entità tal-ADR kompetenti;

(i) tidentifika entità kompetenti tal-ADR waħda jew aktar lill-partijiet u tipprovdi informazzjoni dwar il-miżati tagħhom, jekk japplika, il-lingwa jew il-lingwi li bihom se titmexxa l-proċedura, it-tul approssimattiv tal-proċeduri, ***jekk applikabbli, il-ħtieġa għall-preżenza fiżika tal-partijiet jew tar-rappreżentanti tagħhom, il-parteċipazzjoni volontarja jew obbligatorja fil-proċeduri ADR u n-natura vinkolanti jew mhux vinkolanti tal-eżitu tal-proċedura, skont il-liġi nazzjonali applikabbli, rispettivament; jew***

(ii) tinforma ***lill-konsumatur*** li fuq il-bażi tal-informazzjoni mressqa, ma setgħet tiġi identifikata l-ebda entità tal-ADR kompetenti;

Emenda 30

Proposta għal regolament

Artikolu 5 – paragrafu 3 – subparagrafu 1 – punt ga (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

(ga) tippubblika informazzjoni dwar punti ta' kuntatt fl-Istati Membri u l-faċilitaturi rispettivi tas-soluzzjoni għat-tilwim kif imsemmi fl-Artikolu 6, inklużi d-dettalji ta' kuntatt;

Emenda 31

Proposta għal regolament

Artikolu 5 – paragrafu 3 – subparagrafu 1 – punt h

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

(h) tipprovdi informazzjoni ġenerali dwar soluzzjoni alternattiva għat-tilwim bħala mezz ta' soluzzjoni extra-ġudizzjarja għat-

(h) tipprovdi informazzjoni ġenerali dwar soluzzjoni alternattiva għat-tilwim ***tippromvoviha*** bħala mezz ta' soluzzjoni

tilwim;

extra-ġudizzjarja għat-tilwim;

Emenda 32

Proposta għal regolament

Artikolu 5 – paragrafu 3 – subparagrafu 1– punt ħa (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

(ħa) tipprovdi informazzjoni dwar l-aktar metodoloġiji li jintużaw, kif ukoll dejta statistika maqsuma skont is-suġġetti differenti koperti;

Emenda 33

Proposta għal regolament

Artikolu 5 – paragrafu 3 – subparagrafu 1 – punt hb (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

(hb) tipprovdi informazzjoni dwar drittijiet tal-konsumatur b'mod ġenerali f'format ċar, komprensiv u li jinftiehem, inklużi “Mistoqsijiet li Jsiru ta’ Spiss” dwar l-aktar kwistjonijiet li jista' jkollhom il-konsumaturi, jekk ikun xieraq billi jintużaw strumenti interattivi;

Emenda 34

Proposta għal regolament

Artikolu 5 – paragrafu 3 – subparagrafu 1a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

L-informazzjoni pprovduta fl-ewwel subparagrafu għandha tkun aċċessibbli għall-konsumaturi u n-negozjanti li huma interessati fil-funzjonijiet tal-pjattaforma, irrISPettivament minn jekk l-interess tagħhom huwiex relatat mat-tressiq ta' ilment jew le.

Emenda 35

Proposta għal regolament Artikolu 5 – paragrafu 5

Test propost mill-Kummissjoni

5. Il-Kummissjoni għandha tkun responsabbli għall-pjattaforma ***tal-ODR*** fir-rigward tal-iżvilupp, it-tħaddim, iż-żamma tagħha u fir-rigward tas-sigurtà tad-dejta.

Emenda

5. Il-Kummissjoni għandha tkun responsabbli għall-pjattaforma ***tat-tabelli onlajn*** fir-rigward tal-iżvilupp, it-tħaddim, iż-żamma tagħha, ***b'mod partikolari billi ttiprovdi finanzjament u kompetenza suffiċjenti, u*** fir-rigward tas-sigurtà tad-dejta.

Emenda 36

Proposta għal regolament Artikolu 6 – paragrafu 1

Test propost mill-Kummissjoni

1. Kull Stat Membru għandu jaħtar punt ta' kuntatt ***tal-ODR*** wieħed u jikkomunika ismu u d-dettalji ta' kuntatt tiegħu lill-Kummissjoni. L-Istati Membri ***jistgħu*** jagħtu r-responsabbiltà għall-punti ta' kuntatt ***tal-ODR*** liċ-ċentri tagħhom tan-netwerk taċ-Ċentru Ewropew tal-Konsumatur, lill-assoċjazzjonijiet tal-konsumaturi jew lil kwalunkwe korp ieħor. Kull punt ta' kuntatt ***tal-ODR*** għandu jospita mill-inqas żewġ faċilitaturi tas-soluzzjoni ***onlajn*** għat-tilwim (aktar 'il quddiem "il-faċilitaturi ***tal-ODR***").

Emenda

1. Kull Stat Membru għandu jaħtar punt ta' kuntatt wieħed ***ta' soluzzjoni għat-tilwim (minn hawn 'il quddiem imsejjaħ "punt ta' kuntatt")*** u jikkomunika ismu u d-dettalji ta' kuntatt tiegħu lill-Kummissjoni.

Ia. L-Istati Membri ***għandhom, l-ewwelnett***, jagħtu r-responsabbiltà għall-punti ta' kuntatt liċ-ċentri tagħhom tan-netwerk taċ-Ċentru Ewropew tal-Konsumatur. ***Jekk in-Netwerk Ewropew għaċ-Ċentri tal-Konsumaturi rispettiv ma jkunx disponibbli għal dan il-kompitu, l-Istati Membri jistgħu wkoll jagħtu r-responsabbiltà*** lill-assoċjazzjonijiet tal-konsumaturi jew lil kwalunkwe korp ieħor. ***L-Istati Membri għandhom fi kwalunkwe***

każ jagħtu preferenza lill-istrutturi eżistenti meta jallokaw din ir-responsabbiltà.

Ib. Kull punt ta' kuntatt għandu jospita mill-inqas żewġ faċilitaturi tas-soluzzjoni għat-tilwim (aktar 'il quddiem "il-faċilitaturi"). ***Il-punti ta' kuntatt għandhom jiżguraw li l-konsumaturi jkunu jistgħu jikkuntattjaw lill-faċilitaturi permezz tal-pjattaforma ta' tabelli onlajn.***

Emenda 37

Proposta għal regolament Artikolu 6 – paragrafu 3a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

3a. Il-Kummissjoni u l-Istati Membri għandhom jipprovdu taħriġ xieraq lill-faċilitaturi sabiex jiżguraw li dawn ikollhom il-kompetenza meħtieġa sabiex jissodisfaw il-funzjonijiet tagħhom skont il-paragrafu 2.

Emenda 38

Proposta għal regolament Artikolu 7 – paragrafu 4

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

4. Il-Kummissjoni għandha tingħata s-setgħa li tadotta atti delegati skont l-Artikolu 16 sabiex taddatta l-informazzjoni

4. Il-Kummissjoni għandha tingħata s-setgħa li tadotta atti delegati, ***wara konsultazzjoni mal-Kontrollur Ewropew***

elenkata fl-Anness, filwaqt li tqis il-kriterji li bihom l-entitajiet tal-ADR notifikati lill-Kummissjoni skont l-Artikolu 17(2) tad-Direttiva .../.../UE [Uffiċċju tal-Pubblikazzjonijiet jekk jogħġbok daħħal in-numru tad-Direttiva tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar is-soluzzjoni alternattiva għat-tilwim, għat-tilwim tal-konsumaturi u li temenda r-Regolament (KE) Nru 2006/2004 u d-Direttiva 2009/22/KE (id-Direttiva dwar l-ADR tal-konsumaturi)] li jindirizzaw it-tilwim kopert minn dan ir-Regolament jiddefinixxu l-kampijiet ta' applikazzjoni rispettivi tagħhom.

għall-Protezzjoni tad-Data, skont l-Artikolu 16 sabiex taddatta l-informazzjoni elenkata fl-Anness, filwaqt li tqis il-kriterji li bihom l-entitajiet tal-ADR notifikati lill-Kummissjoni skont l-Artikolu 17(2) tad-Direttiva .../.../UE [Uffiċċju tal-Pubblikazzjonijiet jekk jogħġbok daħħal in-numru tad-Direttiva tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar is-soluzzjoni alternattiva għat-tilwim, għat-tilwim tal-konsumaturi u li temenda r-Regolament (KE) Nru 2006/2004 u d-Direttiva 2009/22/KE (id-Direttiva dwar l-ADR tal-konsumaturi)] li jindirizzaw it-tilwim kopert minn dan ir-Regolament jiddefinixxu l-kampijiet ta' applikazzjoni rispettivi tagħhom.

Emenda 39

Proposta għal regolament Artikolu 7 – paragrafu 5

Test propost mill-Kummissjoni

5. Il-Kummissjoni għandha tistabbilixxi l-modalitajiet tal-formola tal-ilmenti elettronika **permezz ta' atti ta' implimentazzjoni. Dawk l-atti ta' implimentazzjoni għandhom jiġu adottati skont il-proċedura konsultattiva msemmija fl-Artikolu 15(2).**

Emenda

5. Il-Kummissjoni għandha **tingħata s-setgħa li tadotta atti delegati skont l-Artikolu 16 biex** tistabbilixxi l-modalitajiet tal-formola tal-ilmenti elettronika, **filwaqt li tikkunsidra l-progress tekniku. Qabel ma tadotta dawn l-atti delegati, il-Kummissjoni tikkonsulta lill-Kontrollur Ewropew għall-Protezzjoni tad-Data.**

Emenda 40

Proposta għal regolament Artikolu 8 – paragrafu 1a (new)

Test propost mill-Kummissjoni

1a. Mal-wasla ta' formola tal-ilmenti mimilija kompletament, il-pjattaforma ta' tabelli onlajn għandha tipproċessa l-

Emenda

ilment kif ġej:

(a) il-pjattaforma għandha tipprovdi l-informazzjoni msemmija fil-paragrafi 2 u 3, b'mod partikolari lista tal-entitajiet kompetenti kollha tal-ADR, fejn ikun hemm minnhom li jiġu identifikati;

(b) il-konsumatur jista' jagħżel entità waħda jew iktar minn waħda mil-lista pprovduta;

(c) in-negozjant jista' jagħżel entità waħda jew iktar minn waħda mil-lista pprovduta jekk ma jkunx diġà intrabat li juża waħda minnhom skont l-Artikolu 10(1) tad-Direttiva ... /.../ UE [Uffiċċju tal-Pubblikazzjonijiet jekk jogħġbok daħħal in-numru tad-Direttiva tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar soluzzjonijiet alternattivi għat-tilwim, għat-tilwim tal-konsumaturi u li temenda d-Direttiva 2009/22/KE (id-Direttiva dwar l-ADR tal-konsumaturi)];

(d) il-pjattaforma għandha tagħżel b'mod awtomatiku jekk tibgħatx l-ilment jew le

(i) lil entità tal-ADR identifikata skont il-paragrafi 1b jew 1c; jew

(ii) lil faċilitatur għall-finijiet tal-paragrafu 1s;

jew jekk tkomplex tipproċessa l-ilment jew le skont il-paragrafu 1e.

Emenda 41

Proposta għal regolament Artikolu 8 – paragrafu 1b (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

1b. Meta l-għażla tal-konsumatur tikkorrispondi għal entità tal-ADR li n-negozjant ikun impenja ruħu li juża skont l-Artikolu 10(1) tad-Direttiva .../.../UE [Uffiċċju tal-Pubblikazzjonijiet jekk jogħġbok daħħal in-numru tad-Direttiva tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar is-soluzzjoni alternattiva għat-

tilwim, għat-tilwim tal-konsumaturi u li temenda d-Direttiva 2009/22/KE (id-Direttiva dwar l-ADR tal-konsumaturi)], jew jekk il-partijiet jagħżlu l-istess entità tal-ADR fit-tweġibiet tagħhom, il-pjattaforma għandha titrazmetti awtomatikament l-ilment lil dik l-entità tal-ADR.

(Ara l-emenda għall-Artikolu 8(5))

Emenda 42

Proposta għal regolament Artikolu 8 – paragrafu 1c (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

1c. Jekk il-partijiet jaqblu fuq aktar minn entità tal-ADR waħda, il-konsumatur għandu jiġi mitlub jagħżel waħda mill-entitajiet tal-ADR li jkunu qablu fuqha. Il-pjattaforma għandha tibgħat awtomatikament l-ilment lil dik l-entità tal-ADR.

(Ara l-Emenda tal-Artikolu 8(6)).

Emenda 43

Proposta għal regolament Artikolu 8 – paragrafu 1d (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

1d. Meta l-partijiet ma jaqblux dwar entità tal-ADR kompetenti waħda, il-pjattaforma għandha tinforma lill-konsumatur li jista' jikkuntattja lil faċilitatur wieħed mill-post ta' residenza tiegħu, li għandu jipprova jidentifika entità tal-ADR li l-partijiet jistgħu jaqblu dwarha. Jekk dan it-tentattiv ma jirnexxix, l-ilment għandu jkompli jiġi ttrattat skont il-paragrafu 1e.

Emenda 44

Proposta għal regolament Artikolu 8 – paragrafu 1e (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

1e. Meta ma tiġi identifikata l-ebda entità kompetenti tal-ADR jew meta l-partijiet ma jirrispondux għall-pjattaforma, l-ilment m'għandux jiġi pproċessat iktar. Il-konsumatur għandu jiġi infurmat bil-possibbiltà li jikkuntattja faċilitatur għal informazzjoni dwar mezzji oħra għat-tfittxija ta' rimedju.

(Ara l-emenda għall-Artikolu 8(4); it-test ġie adattat.)

Emenda 45

Proposta għal regolament Artikolu 8 – paragrafu 2 – parti introduttorja

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

2. Meta tasal il-formola tal-ilmenti mimlija kompletament, il-pjattaforma ***tal-ODR*** għandha tikkomunika ***lill-persuna li qed tressaq l-ilment***, bil-lingwa tal-ilmentat, u tibgħat permezz tal-posta elettronika ***lill-persuna li twieġeb***, bil-lingwa tal-kuntratt, l-informazzjoni li ġejja permezz tal-posta elettronika:

2. Meta tasal il-formola tal-ilmenti mimlija kompletament, il-pjattaforma ***tat-tabelli onlajn*** għandha tikkomunika ***lill-konsumatur***, bil-lingwa tal-ilmentat, u tibgħat permezz tal-posta elettronika ***lin-negozjant***, bil-lingwa tal-kuntratt, l-informazzjoni li ġejja permezz tal-posta elettronika:

(Din l-emenda tapplika għat-test leġiżlattiv kollu li qed jiġi eżaminat. L-adozzjoni tagħha timponi adattamenti tekniċi fit-test kollu.)

Ġustifikazzjoni

Allinjament mal-emendi dwar l-ambitu. Il-persuna li twieġeb tista' tkun biss in-negozjant.

Emenda 46

Proposta għal regolament Artikolu 8 – paragrafu 2 – punt b

Test propost mill-Kummissjoni

(b) l-informazzjoni li jekk il-partijiet ma **jaqblux fuq entità tal-ADR kompetenti** jew jekk ma tiġi identifikata l-ebda entità tal-ADR kompetenti, l-ilment ma jiġix ipproċessat aktar;

Emenda

(b) l-informazzjoni li jekk il-partijiet ma **jirrispondux għall-pjattaforma** jew jekk ma tiġi identifikata l-ebda entità tal-ADR kompetenti, l-ilment ma jiġix ipproċessat aktar;

Emenda 47

Proposta għal regolament Artikolu 8 – paragrafu 2 – punt ba (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

(ba) l-informazzjoni li fil-każ li l-partijiet ma jaqblux dwar entità tal-ADR kompetenti waħda, l-ilment għandu jintbagħat fuq talba tal-konsumatur lil faċilitatur wieħed mill-post ta' residenza tal-parti li ressqet l-ilment, li għandu jipprova jidentifika entità tal-ADR li l-partijiet jistgħu jaqblu dwarha;

Emenda 48

Proposta għal regolament Artikolu 8 – paragrafu 2 – punt d

Test propost mill-Kummissjoni

(d) l-isem u d-dettalji tal-kuntatt tal-punt ta' kuntatt **tal-ODR** fil-post fejn joqgħod il-konsumatur u fil-post fejn huwa stabbilit in-negozjant, kif ukoll deskrizzjoni qasira tal-funzjonijiet imsemmija fl-Artikolu 6(2)(a), (b) u (d);

Emenda

(d) l-isem u d-dettalji tal-kuntatt tal-punt ta' kuntatt, **inkluż il-faċilitaturi**, fil-post fejn joqgħod il-konsumatur u fil-post fejn huwa stabbilit in-negozjant, kif ukoll deskrizzjoni qasira tal-funzjonijiet imsemmija fl-Artikolu 6(2)(a), (b) u (d);

Emenda 49

Proposta għal regolament
Artikolu 8 – paragrafu 3 – punt a

Test propost mill-Kummissjoni

(a) il-miżati tagħhom, **jekk japplika**;

Emenda

(a) il-miżati tagħhom;

Ġustifikazzjoni

L-infiq u l-ispejjeż relatati mal-proċedura għandhom ikunu ċari għal kwalunkwe konsumatur li jixtieq jagħti bidu għaliha.

Emenda 50

Proposta għal regolament
Artikolu 8 – paragrafu 3 – punt d

Test propost mill-Kummissjoni

(d) il-ħtieġa tal-preżenza fiżika tal-partijiet jew tar-rappreżentanti tagħhom, jekk japplika;

Emenda

(d) il-ħtieġa tal-preżenza fiżika tal-partijiet jew tar-rappreżentanti tagħhom, jekk japplika, **u indikazzjoni dwar jekk tinstabx soluzzjoni għat-tilwima mingħajr ma l-partijiet jew ir-rappreżentati tagħhom ikunu preżenti f'każijiet fejn il-postijiet ta' residenza jew ta' residenza abitwali tal-partijiet jinsabu fi Stati Membri differenti;**

Emenda 51

Proposta għal regolament
Artikolu 8 – paragrafu 3a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

3a. Ilment lil entità tal-ADR kompetenti għandu jintbagħat mill-pjattaforma fi żmien 30 jum.

Emenda 52

Proposta għal regolament Artikolu 8 – paragrafu 4

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

4. Jekk il-partijiet ma jwegħbux lill-pjattaforma jew ma jaqblux fuq entità tal-ADR kompetenti, l-ilment ma jiġix ipproċessat aktar. Il-konsumatur għandu jiġi infurmat bil-possibbiltà li jikkuntattja faċilitatur tal-ODR għal informazzjoni dwar mezz oħra għat-tfittxija ta' rimedju.

imħassar

(Ara l-emenda tal-Artikolu 8(1e)(ġdid)).

Emenda 53

Proposta għal regolament Artikolu 8 – paragrafu 5

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

5. Meta l-għażla tal-konsumatur tikkorrispondi għal entità tal-ADR li n-negozjant ikun impenja ruħu li juża skont l-Artikolu 10(1) tad-Direttiva/.../UE [Uffiċċju tal-Pubblikazzjonijiet jekk joghħbok daħħal in-numru tad-Direttiva tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar is-soluzzjoni alternattiva għat-tilwim, għat-tilwim tal-konsumaturi u li temenda d-Direttiva 2009/22/KE (id-Direttiva dwar l-ADR tal-konsumaturi)], jew jekk il-partijiet jagħżlu l-istess entità tal-ADR f'it-tweġibiet tagħhom, il-pjattaforma għandha titrażmetti awtomatikament l-ilment lil dik l-entità tal-ADR.

imħassar

(Ara l-emenda tal-Artikolu 8(1b)(ġdid)).

Emenda 54

Proposta għal regolament Artikolu 8 – paragrafu 6

Test propost mill-Kummissjoni

6. Jekk il-partijiet jaqblu fuq aktar minn entità tal-ADR waħda, il-konsumatur għandu jiġi mitlub jaqbel waħda mill-entitajiet tal-ADR li jkunu qablu fuqha. Il-pjattaforma għandha tibgħat awtomatikament l-ilment lil dik l-entità tal-ADR.

Emenda

imħassar

(Ara l-emenda tal-Artikolu 8(1c)(ġdid)).

Emenda 55

Proposta għal regolament Artikolu 9 – punt b

Test propost mill-Kummissjoni

(b) jekk, wara n-notifika tat-tilwim lill-partijiet, il-partijiet jaqblu li jibdew il-proċedimenti quddiem l-entità, jiksbu l-konklużjoni tal-proċedura tas-soluzzjoni għat-tilwim fi żmien **30 jum minn** meta jkunu bdew il-proċedimenti. **Fil-każ ta' tilwim kumpless**, l-entità tal-ADR tista' testendi dan **il-limitu** ta' żmien;

Emenda

(b) jekk, wara n-notifika tat-tilwim lill-partijiet, il-partijiet jaqblu li jibdew il-proċedimenti quddiem l-entità, jiksbu l-konklużjoni tal-proċedura tas-soluzzjoni għat-tilwim fi żmien **90 jum mid-data li fiha l-ilment ikun ġie notifikat lill-partijiet skont l-Artikolu 8(ca) tad-Direttiva .../.../UE [Uffiċċju tal-Pubblikazzjonijiet jekk jogħġbu jinkludi n-numru tad-Direttiva tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar soluzzjoni alternattiva tat-tilwim għal tilwim tal-konsumaturi u li temenda d-Direttiva 2009/22/KE (Direttiva dwar l-ADR tal-konsumaturi)]**. Meta **t-tilwim ikun ta' natura kumplessa jew teknika ħafna** l-entità tal-ADR tista' testendi dan **il-perjodu** ta' żmien. **Kwalunkwe estensjoni għandha tiġi notifikata lill-partijiet, flimkien mat-tul ta' żmien mistenni għall-konklużjoni tat-tilwim.**

Emenda 56

Proposta għal regolament Artikolu 11 – paragrafu 1

Test propost mill-Kummissjoni

1. L-aċċess għall-informazzjoni, inkluża d-dejta personali, relatata ma' tilwim u miżmuma fil-bażi ta' dejta msemija fl-Artikolu 10, għandu jingħata għall-iskopijiet imsemmijin fl-Artikolu 9, lill-entità tal-ADR li lilha ġie trażmess it-tilwim skont l-Artikolu 8 biss. L-aċċess għall-istess informazzjoni għandu jingħata wkoll lill-faċilitaturi ***tal-ODR għall-iskopijiet*** imsemmijin fl-Artikolu 6(3).

Emenda

1. L-aċċess għall-informazzjoni, inkluża d-dejta personali, relatata ma' tilwim u miżmuma fil-bażi ta' dejta msemija fl-Artikolu 10, għandu jingħata għall-iskopijiet imsemmijin fl-Artikolu 9, lill-entità tal-ADR li lilha ġie trażmess it-tilwim skont l-Artikolu 8 biss. L-aċċess għall-istess informazzjoni għandu jingħata wkoll lill-faċilitaturi ***li lilhom tressaq l-iment għall-finijiet*** imsemmijin fl-Artikolu 6(2) u 6(3).

Emenda 57

Proposta għal regolament Artikolu 11 – paragrafu 4a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

4a. Avviż komprensiv ta' privatezza għandu jkun disponibbli fuq il-pjattaforma tat-tabelli onlajn li permezz tagħha s-soġġetti tad-data jiġu informati dwar l-ipproċessar tad-data personali tagħhom, kif ukoll dwar id-drittijiet tagħhom fir-rigward ta' dak l-ipproċessar. L-istqarrija tal-privatezza għandha tiddikjara biċ-ċar l-operazzjonijiet ta' ipproċessar mwettaq skont ir-responsabilità tal-parteċipanti differenti tal-pjattaforma.

Ġustifikazzjoni

Allinjament mal-proposta għall-premessa 21.

Emenda 58

Proposta għal regolament Artikolu 13

Test propost mill-Kummissjoni

1. In-negozjanti stabbiliti fi ħdan l-Unjoni li jagħmlu bejgħ transkonfinali onlajn ta' oġġetti jew provvista ta' servizzi għandhom jinfurmaw lill-konsumaturi dwar il-pjattaforma ***tal-ODR*** u dwar l-indirizz tal-posta elettronika tagħhom. Din l-informazzjoni għandha tkun aċċessibbli faċilment, ***direttament, prominentement u permanentement*** fuq il-websajt tan-negozjanti u, jekk l-offerta ssir permezz tal-posta elettronika jew permezz ta' messaġġ bit-test ieħor trażmess b'mezzi elettroniċi, f'dak il-messaġġ. Għandha tinkludi link elettroniku għall-homepage tal-pjattaforma ***tal-ODR***. In-negozjanti għandhom ukoll jinfurmaw lill-konsumaturi dwar il-pjattaforma ***tal-ODR*** meta l-konsumatur iressaq ilment lin-negozjant, lil sistema għall-immaniġġjar tal-ilmenti tal-konsumaturi mħaddma min-negozjant jew lil ombudsman tal-kumpanija.

2. Id-dispożizzjonijiet fil-paragrafu 1 huma bla ħsara għad-dispożizzjonijiet fl-Artikolu 10 tad-Direttiva .../.../UE [Uffiċċju tal-Pubblikazzjonijiet jekk jogħġbok daħħal in-numru tad-Direttiva tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar is-soluzzjoni alternattiva għat-tilwim, għat-tilwim tal-konsumaturi u li temenda r-Regolament (KE) Nru 2006/2004 u d-Direttiva 2009/22/KE (id-Direttiva dwar l-ADR tal-konsumaturi)] ***li jikkonċernaw l-informazzjoni tal-konsumaturi min-negozjanti dwar il-proċeduri tal-ADR li bihom daww in-negozjanti huma koperti u dwar jekk in-negozjanti jimpjenjawx ruħhom jew le li jużaw proċedura ta' soluzzjoni alternattiva għat-tilwim biex***

Emenda

1. In-negozjanti stabbiliti fi ħdan l-Unjoni li jagħmlu bejgħ transkonfinali onlajn ta' oġġetti jew provvista ta' servizzi għandhom jinfurmaw lill-konsumaturi dwar il-pjattaforma ***tat-tabelli onlajn*** u dwar l-indirizz tal-posta elettronika tagħhom. Din l-informazzjoni għandha tkun aċċessibbli ***b'mod ċar u*** faċilment fuq il-websajt tan-negozjanti u, jekk l-offerta ssir permezz tal-posta elettronika jew permezz ta' messaġġ bit-test ieħor trażmess b'mezzi elettroniċi, f'dak il-messaġġ. Għandha tinkludi link elettroniku għall-homepage tal-pjattaforma ***tat-tabelli onlajn***. In-negozjanti għandhom ukoll jinfurmaw lill-konsumaturi dwar il-pjattaforma ***tat-tabelli onlajn*** meta l-konsumatur iressaq ilment lin-negozjant, lil sistema għall-immaniġġjar tal-ilmenti tal-konsumaturi mħaddma min-negozjant jew lil ombudsman tal-kumpanija.

2. Id-dispożizzjonijiet fil-paragrafu 1 huma bla ħsara għad-dispożizzjonijiet fl-Artikolu 10 tad-Direttiva .../.../UE [Uffiċċju tal-Pubblikazzjonijiet jekk jogħġbok daħħal in-numru tad-Direttiva tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar is-soluzzjoni alternattiva għat-tilwim, għat-tilwim tal-konsumaturi u li temenda r-Regolament (KE) Nru 2006/2004 u d-Direttiva 2009/22/KE (id-Direttiva dwar l-ADR tal-konsumaturi)].

isolvu t-tilwim mal-konsumaturi.

3. Id-dispożizzjonijiet fil-paragrafu 1 huma bla ħsara għad-dispożizzjonijiet fl-Artikoli 6 u 8 tad-Direttiva 2011/83/UE dwar l-informazzjoni għall-konsumatur għall-kuntratti magħmula mill-bogħod u barra l-bini.

3. Id-dispożizzjonijiet fil-paragrafu 1 huma bla ħsara għad-dispożizzjonijiet fl-Artikoli 6 u 8 tad-Direttiva 2011/83/UE dwar l-informazzjoni għall-konsumatur għall-kuntratti magħmula mill-bogħod u barra l-bini *fl-Artikolu 3 tad-Direttiva 2002/65/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-23 ta' Settembru 2002 li tikkonċerna t-tqegħid fis-suq b'distanza ta' servizzi finanzjarji ta' konsumaturi*¹ u *l-Artikolu 185 tad-Direttiva 2009/138/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-25 ta' Novembru 2008 dwar il-bidu u l-insewiment tan-negozju ta' l-Assigurazzjoni u r-Riassigurazzjoni – (Solvenza II)*².

*3a. L-obbligu li jinfurmaw lill-konsumaturi dwar l-eżistenza tal-pjattaformi ta' tabelli onlajn fil-messaġġi bit-test kollha skont il-paragrafu 1 m'għandux japplika jekk in-negozjant ikun intrapriża żgħira jew mikro skont it-tifsira tar-Rakkomandazzjoni tal-Kummissjoni 2003/361 tas-6 ta' Mejju 2003 dwar id-definizzjoni ta' intrapriża mikro, żgħira u ta' daqs medju*³. F'dak il-każ, in-negozjant għandu jipprovdi l-informazzjoni dwar il-pjattaforma ta' tabelli onlajn biss ladarba l-konsumatur ikun ressaq l-ilment għandu.

¹ ĠU L 271, 9.10.2002, p. 16.

² ĠU L 335, 17.12.2008, p. 1.

³ ĠU L 124, 20.5.2003, p. 36.

Emenda 59

Proposta għal regolament Artikolu 15 – paragrafu 2

Test propost mill-Kummissjoni

2. Meta ssir referenza għal dan il-paragrafu, għandu japplika l-Artikolu 4 tar-Regolament (UE) Nru 182/2011.

Emenda

imħassar

Emenda 60

Proposta għal regolament Artikolu 16 – paragrafu 2

Test propost mill-Kummissjoni

2. Id-delega tas-setgħa msemmija fl-Artikolu 7(4) għandha tingħata għal perjodu ta' żmien indeterminat mill-[Uffiċċju tal-Pubblikazzjonijiet daħħal l-istess data bħal dik fl-Artikolu 18(1) = id-data tad-dħul fis-seħħ ta' dan ir-Regolament].

Emenda

2. Id-delega tas-setgħa msemmija fl-Artikolu 7(4) **u (5)** għandha tingħata għal perjodu ta' żmien indeterminat mill-[Uffiċċju tal-Pubblikazzjonijiet daħħal l-istess data bħal dik fl-Artikolu 18(1) = id-data tad-dħul fis-seħħ ta' dan ir-Regolament].

Emenda 61

Proposta għal regolament Artikolu 16 – paragrafu 3

Test propost mill-Kummissjoni

3. Id-delega tas-setgħat imsemmija fl-Artikolu 7(4) tista' tiġi rrevokata fi kwalunkwe mument mill-Parlament Ewropew jew mill-Kunsill. Deċiżjoni ta' revoka għandha ttemm id-delega tas-setgħa speċifikata f'dik id-deċiżjoni. Għandha tidħol fis-seħħ l-għada tal-pubblikazzjoni tad-deċiżjoni f'Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea jew f'data aktar tard

Emenda

3. Id-delega tas-setgħat imsemmija fl-Artikolu 7(4) **u (5)** tista' tiġi rrevokata fi kwalunkwe mument mill-Parlament Ewropew jew mill-Kunsill. Deċiżjoni ta' revoka għandha ttemm id-delega tas-setgħa speċifikata f'dik id-deċiżjoni. Għandha tidħol fis-seħħ l-għada tal-pubblikazzjoni tad-deċiżjoni f'Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea jew f'data aktar tard

speċifikata fiha. Ma għandhiex taffettwa l-validità ta' kwalunkwe att delegat diġà fis-seħħ.

speċifikata fiha. Ma għandhiex taffettwa l-validità ta' kwalunkwe att delegat diġà fis-seħħ.

Emenda 62

Proposta għal regolament Artikolu 16 – paragrafu 5

Test propost mill-Kummissjoni

5. Att delegat adottat skont l-Artikolu 7(4) għandu jidħol fis-seħħ biss jekk ma tkunx ġiet espressa l-ebda oġezzjoni mill-Parlament Ewropew jew mill-Kunsill fi żmien **xahrejn** min-notifika ta' dak l-att lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill jew jekk, qabel ma jagħlaq dak iż-żmien, il-Parlament Ewropew u l-Kunsill ikunu infurmaw lill-Kummissjoni li mhux se joġġezzjonaw. Dan il-perjodu għandu jiġi estiż **b'xahrejn** fuq inizjattiva tal-Parlament Ewropew jew tal-Kunsill.

Emenda

5. Att delegat adottat skont l-Artikolu 7(4) **u (5)** għandu jidħol fis-seħħ biss jekk ma tkunx ġiet espressa l-ebda oġezzjoni mill-Parlament Ewropew jew mill-Kunsill fi żmien **tliet xhur** min-notifika ta' dak l-att lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill jew jekk, qabel ma jagħlaq dak iż-żmien, il-Parlament Ewropew u l-Kunsill ikunu infurmaw lill-Kummissjoni li mhux se joġġezzjonaw. Dan il-perjodu għandu jiġi estiż **bi 3 xhur** fuq inizjattiva tal-Parlament Ewropew jew tal-Kunsill.

Emenda 63

Proposta għal regolament Artikolu 17

Test propost mill-Kummissjoni

Kull **tliet snin** u għall-ewwel darba mhux aktar tard minn **ħames** snin wara d-dħul fis-seħħ ta' dan ir-Regolament, il-Kummissjoni għandha tressaq rapport dwar l-applikazzjoni ta' dan ir-Regolament lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill. Ir-rapport għandu jkun akkumpanjat, jekk ikun meħtieġ, bi proposti għall-adattament ta' dan ir-Regolament.

Emenda

Kull **sentejn** u għall-ewwel darba mhux aktar tard minn **tliet** snin wara d-dħul fis-seħħ ta' dan ir-Regolament, il-Kummissjoni għandha tressaq rapport dwar l-applikazzjoni ta' dan ir-Regolament lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill., **b'mod partikolari l-livell ta' aċċettazzjoni tal-pjattaforma ta' tabelli onlajn u l-prattikabbiltà tal-formola tal-ilmenti, il-ħtiġijiet possibbli li l-informazzjoni elenkata fl-Anness tiġi adattata, b'kunsiderazzjoni li kriterji li bihom l-entitajiet tal-ADR innotifikaw lill-**

Kummissjoni skont l-Artikolu 17(2) tad-Direttiva ... / ... / UE [Uffiċċju tal-Pubblikazzjonijiet jekk jogħġbok daħħal in-numru tad-Direttiva tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar soluzzjonijiet alternattivi għat-tilwim, għal tilwim tal-konsumatur u li temenda r-Regolament (KE) Nru 2006/2004 u d-Direttiva 2009/22/KE (id-Direttiva dwar l-ADR tal-konsumaturi)] li jittrattaw ilmenti koperti b'dan ir-Regolament jiddefinixxu l-ambiti ta' applikazzjoni rispettivi tagħhom, kif ukoll il-possibiltajiet ta' żvilupp ulterjuri ta' mezzi interattivi ta' komunikazzjoni. Ir-rapport għandu jkun akkumpanjat, jekk ikun meħtieġ, bi proposti għall-adattament ta' dan ir-Regolament.

Emenda 64

Proposta għal regolament Artikolu 18 – paragrafu 2

Test propost mill-Kummissjoni

2. Ir-Regolament għandu japplika minn [Uffiċċju tal-Pubblikazzjonijiet daħħal id-data = 6 xhur wara ż-żmien ta' skadenza tal-implimentazzjoni tad-Direttiva tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar is-soluzzjoni alternattiva għat-tilwim, għat-tilwim tal-konsumaturi u li temenda r-Regolament (KE) Nru 2006/2004 u d-Direttiva 2009/22/KE (id-Direttiva dwar l-ADR tal-konsumaturi kif għandha tiddaħħal f'dik id-Direttiva skont l-Artikolu 22(1) ta' dik id-Direttiva], għajr l-Artikolu 5(1), (4), (5) u (6), l-Artikolu 6(1), (2) u (6), l-Artikolu 7(4) u (5), l-Artikolu 10, l-Artikolu 15 u l-Artikolu 16 li għandhom japplikaw mid-data li fiha jidħol fis-seħħ dan ir-Regolament.

Emenda

2. Ir-Regolament għandu japplika minn [Uffiċċju tal-Pubblikazzjonijiet daħħal id-data = 6 xhur wara ż-żmien ta' skadenza tal-implimentazzjoni tad-Direttiva tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar is-soluzzjoni alternattiva għat-tilwim, għat-tilwim tal-konsumaturi u li temenda r-Regolament (KE) Nru 2006/2004 u d-Direttiva 2009/22/KE (id-Direttiva dwar l-ADR tal-konsumaturi kif għandha tiddaħħal f'dik id-Direttiva skont l-Artikolu 22(1) ta' dik id-Direttiva], għajr l-Artikolu 5(1), (4), (5) u (6), l-Artikolu 6(1), (1a), (1b), (2) u (5), l-Artikolu 7(4) u (5), l-Artikolu 10, l-Artikolu 15 u l-Artikolu 16 li għandhom japplikaw mid-data li fiha jidħol fis-seħħ dan ir-Regolament.

PROĊEDURA

Titolu	Soluzzjoni onlajn għat-tilwim, għat-tilwim tal-konsumaturi (Regolament dwar l-ODR tal-konsumaturi)		
Referenzi	COM(2011)0794 – C7-0453/2011 – 2011/0374(COD)		
Kumitat responsabbli Data tat- <i>tħabbir</i> fis-seduta plenarja	IMCO 13.12.2011		
Opinjoni mogħtija minn Data tat- <i>tħabbir</i> fis-seduta plenarja	JURI 13.12.2011		
Rapporteur għal opinjoni Data tal- <i>ħatra</i>	Luigi Berlinguer 19.12.2011		
Eżami fil-kumitat	1.3.2012	25.4.2012	30.5.2012
Data tal-adozzjoni	19.6.2012		
Riżultat tal-votazzjoni finali	+: 21 -: 0 0: 0		
Membri preżenti għall-votazzjoni finali	Raffaele Baldassarre, Luigi Berlinguer, Sebastian Valentin Bodu, Christian Engström, Marielle Gallo, Giuseppe Gargani, Lidia Joanna Geringer de Oedenberg, Klaus-Heiner Lehne, Antonio Masip Hidalgo, Alajos Mészáros, Evelyn Regner, Francesco Enrico Speroni, Rebecca Taylor, Alexandra Thein, Cecilia Wikström, Tadeusz Zwiefka		
Sostitut(i) preżenti għall-votazzjoni finali	Piotr Borys, Cristian Silviu Buşoi, Eva Lichtenberger, Dagmar Roth-Behrendt, Axel Voss		
Sostitut(i) (skont l-Artikolu 187(2)) preżenti għall-votazzjoni finali	Patrice Tirolien		